MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSETTE DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 115/2012

**Kunsill Lokali Victoria**

**-vs-**

**Gatt Asphalting Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

1. Illi f'Lulju tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997), is-socjeta' intimata Gatt Asphalting Ltd ipprezentat offerta lill-Kunsill Lokali tal-Belt Vittoria sabiex l-istess socjeta' intimata taghmel xoghlijiet fi Triq it-tmienja (8) ta' Dicembru, Victoria, Ghawdex.

2. Illi tali offerta kienet regolata bil-kundizzjonijiet tas-sejha ghal din l-offerta, liema kundizzjonijiet qed jigu hawn annessi bhala Dok A.

3. Illi fost il-varji kondizzjonijiet governanti tali offerta, il-kundizzjoni numru tlieta u ghoxrin (23), kienet tistipola illi l-kuntrattur kellu b'mod shih u effettiv u fi zmien sebat (7) ijiem mit-talba ghal dak il-hlas li jindennizza lill-Kunsill Lokali kontra kull danni, spejjez, telf, talbiet jew proceduri li johorgu minn, jew matul, jew minhabba l-kuntratt li ghalih il-kuntrattur hu legalment responsabbli.

4. Illi l-offerta maghmula mis-socjeta' intimata giet maghzula bhala l-offerta vantaggjuza u ghalhekk, l-istess socjeta' intimata bdiet tezegwixxi l-appalt hekk moghti lilha.

5. Illi waqt li kienu qed isiru dawn ix-xoghlijiet fl-imsemmija triq, precizament fis-sittax (16) ta' April elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), sehh incident fejn sofra griehi certu George Grech.

6. Illi l-istess George Grech ipproceda flimkien ma' martu kontra l-Kunsill lokali esponenti u Gatt Asphalting Ltd (fost konvenuti ohra) sabiex jigi kkumpensat ghad-danni li allegatament sofra u dana permezz ta' kawza bin-numru 213/1998.

7. Illi din il-kawza giet definittivament deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009), fejn gie dikjarat li (a) l-attur kellu tort ta' terz ghall-akkadut; (b) d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal hmistax-il elf erba' u disghin Ewro u erbgha u tletin Ewro centezmu (Eur 15,094.34); (c) dawn id-danni kellhom jithallsu mill-Kunsill Lokali esponenti u mis-socjeta' intimata Gatt Asphalting Ltd in solidum bejniethom; u (d) l-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom jigu sopportati in kwantu ghal terz minn George Grech u martu u ghal zewg terzi mill-Kunsill Lokali esponenti u mis-socjeta' intimata Gatt Asphalting Ltd (dok B).

8. Illi in segwitu ghal din id-decizjoni, gie pprezentat mandat ta’ sekwestru ezekuttiv bin-numru 227/2009 kontra l-istess Kunsill Lokali esponenti u Gatt Asphalting Limited (Dok C).

9. Illi sussegwentement, il-Kunsill Lokali esponenti hallas wahdu u fl-intier is-sorte hekk likwidat mill-Qorti flimkien ma’ zewg terzi mill-ispejjez legali u l-ispejjez tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv fuq imsemmi. In fatti, sal-prezentata ta’ din il-kawza, l-esponenti hallas total ta’ dsatax-il elf u erba’ mija u hdax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu ta’ Ewro (€19,411.59c), hekk kif jirrizulta mill-annessi dokumenti D, E u F.

10. Illi wara li sar dan il-hlas, il-Kunsill Lokali esponenti nterpella lil Gatt Asphalting Limited sabiex tindennizzah fl-ammont ta’ dsatax-il elf u erba’ mija u hdax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu ta’ Ewro (€19,411.59c) u dana peress li a tenur tal-kundizzjoni numru tlieta u ghoxrin (23) tar-regolament tas-sejha ghall-offerti relattiva, kien hemm imnizzel espressament li l-istess socjeta’ intimata kellha responsabbilita’ assoluta konnessa ma’ dan l-appalt u per konsegwenza kellha tindennizza lill-Kunsill Lokali esponenti kontra kull danni, spejjez u telf li jsofri konsegwenza ta’ l-istess.

11. Illi minkejja tali interpellazzjoni, is-socjeta’ intimata baqghet inadempjenti u ma halset l-ebda parti mill-ammont fuq imsemmi.

12. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-artiklu 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti li jithallas id-dejn dovut mill-intimata li hu dejn cert, likwidu u dovut permezz tal-proceduri sommarju specjali, u dan ghaliex fil-fehma tar-rikorrenti l-intimati m’ghandhomx difiza xi jressqu kontra t-talbiet ghall-hlas.

L-attur ghalhekk talab lil din il-qorti:

I. Tisma' u tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili,

II. Tiddikjara li s-socjeta' intimata ghandha tindennizza lill-esponenti s-somma ta' dsatax-il elf u erba' mija u hdax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu ta' Ewro (€19,411.59c) flimkien ma' l-imghax dekors mid-data li fih thallset din is-somma sad-data tal-pagament ta' l-indenniz relattiv;

III. Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas dan l-ammont hekk mitlub.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentati u bl-imghax legali mid-data ta' meta sar il-hlas effettiv ta' din is-somma, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Dicembru 2012 is-socjeta' intimata nghatat id-dritt li tipprezenta risposta guramentata.

Rat li fir-riposta guramentata s-socjeta' intimata eccepiet hekk:

1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni u l-kompetenza li tisma' u tiddeciedi dina l-pendenza u dan ghaliex skond il-paragrafu 40 intitolat bhala 'decizjoni ta' Kwistjonijiet fil-Kundizzjonijiet' tas-Sejha tal-Offerti li jinsabu fid-dokument "A" ipprezentat mill-istess Kunsill Lokali Victoria, huwa car li fejn hemm kwistjonijiet jew differenzi bejn il-partijiet relattivi ghal dik is-sejha dawn ghandhom ikunu decizi taht ir-Regoli u l-Proceduri ta' l-Arbitragg stabbiliti bil-ligijiet ta' Malta u ghalhekk dina l-Qorti ghandha tiddeciedi dina l-eccezzjoni preliminari bl-ispejjes kontra l-istess Kunsill Lokali attur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u l-ammont specifiku ta' dsatax-il elf u erba' mija u hdax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu ta' Ewro (€19,411.59c) mitlub mill-Kunsill Lokali fir-rikors guramentat mhuwiex dovut u

ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba kif maghmula bl-ispejjes kontra l-istess Kunsill Lokali attur;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' intimata ma ghandhiex thallas ghad-danni sofferti minn terzi gialadarba dan kien rizultat ta' delitt jew kwazi-delitt u mhux minhabba xi nuqqas kontrattwali da parti taghha u ghalhekk it-talba kif imposta da parti tal-Kunsill Lokali ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess Kunsill;

4. Illi inoltre' u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li diga' gie espost aktar 'il fuq, il-Kunsill Lokali, Victoria naqas fl-obbligi tieghu skond is-Sejha tal-Offerti li jaghmel referenza ghaliex l-istess Kunsill u allura s-socjeta' intimata, jekk ghandha xi responsabilita' ghall-akkadut, dan ghandu jigi stabbilit fid-dawl tal-istess kundizzjonijiet li jinsabu fid-dokument shih relattiv ghas-Sejha tal-Offerti li ghalih saret referenza mill-istess Kunsill Lokali Victoria;

5. Salv ragunijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduti.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni imressqa fir-risposta guramentata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghas-seduta tallum.

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

Illi din is-sentenza titratta l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li tghid hekk:

*"Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni u l-kompetenza li tisma' u tiddeciedi dina l-pendenza u dan ghaliex skond il-paragrafu 40 intitolat bhala 'decizjoni ta' Kwistjonijiet fil-Kundizzjonijiet' tas-Sejha tal-Offerti li jinsabu fid-dokument "A" ipprezentat*

*mill-istess Kunsill Lokali Victoria, huwa car li fejn hemm kwistjonijiet jew differenzi bejn il-partijiet relattivi ghal dik is-sejha dawn ghandhom jkunu decizi taht ir-Regoli u l-Proceduri ta' l-Arbitragg stabbiliti bil-ligijiet ta' Malta u ghalhekk dina l-Qorti ghandha tiddeciedi dina l-eccezzjoni preliminari bl-ispejjes kontra l-istess Kunsill Lokali attur".*

Illi qabel ma tigi trattata l-istess eccezzjoni necessarjament trid issir referenza ghall-dak li wassal ghall-vertenza odjerna:

- Wara sejha ghall-offerti f'liema process wahda mill-konkorrenti kienet is-socjeta' intimata l-offerta tas-socjeta' intimata giet maghzula bhala l-aktar offerta vantaggjuza.

- Tali offerta kienet regolata bil-kundizzjonijiet tas-sejha ghall-offerta[1]

- Ghalhekk l-istess socjeta' bdiet tesegwixxi l-appalt.

- Fis-16 ta' April 1998 sehh incident fejn certu George Grech sofra griehi. Dan George Grech u martu pprocedew kontra diversi konvenuti fosthom il-Kunsill Lokali Victoria u s-socjeta' intimata permezz tal-kawza Citazzjoni Numru 213/1998.

- Din il-kawza giet deciza definittivament fis-26 ta' Gunju, 2009 mill-Qorti ta' l-Appell fejn gie dikjarat li (a) l-attur kellu tort ta' terz ghall-akkadut; (b) id-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal hmistax-il elf erbgha u disghin Ewro u erbgha u tletin Ewro centezmu (€15,094.34); (c) dawn id-danni kellhom jithallsu mill-Kunsill Lokali u mis-socjeta' intimata Gatt Asphalting Ltd in solidum bejniethom; u (d) l-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom jigu sopportati in kwantu ghal terz minn George Grech u martu u ghal zewg terzi mill-Kunsill Lokali u mis-socjeta' intimata Gatt Asphalting Ltd.
- Sussegwentement, il-konjugi Grech talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-Kunsill

[1] Dok A a fol 6 *et seq* tal-process

Lokali u Gatt Asphalting Limited. Il-Kunsill Lokali hallas l-ammont likwidat mill-Qorti ta' l-Appell flimkien ma' l-imghax u spejjez dovuti kollu huwa.

- Il-Kunsill Lokali abbazi tal-klawzola numru 23 tar-regolament tas-sejha ghall-offerti qieghed jippretendi li l-ammont kollu li kellu jhallas lill-konjugi Grech ghandu jigi indennizzat mis-socjeta' intimata lill-istess Kunsill.

- Infatti wara li s-socjeta' intimata giet interpellata biex taghmel dan, il-Kunsill Lokali pproceda bil-proceduri odjerni a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12.

- L-istess socjeta' intimata gurnata qabel is-smigh prezentat rikors fejn talbet li tinghata l-opportunita' li tipprezenta risposta guramentata.

- Fl-ewwel dehra s-socjeta' intimata talbet li tinghata l-opportunita' li tipprezenta risposta guramentata u kien f'dan l-istadju li nvokat in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-qorti minhabba l-klawzola arbitrali.

- Infatti s-socjeta' intimata preliminarjament fir-risposta guramentata taghha invokat il-klawzola arbitrali ta' l-istess sejha ghall-offerti.

Illi din il-klawsola taqra hekk:

*"Kwistjoni jew differenza li tohrog mill-Kuntratt inkluzi dawk hekk konsidrati minn xi hadd mill-partijiet ghandhom ikunu finalment decizi taht ir-Regoli u l-Proceduri ta' l-Arbitragg stabbiliti bil-ligijiet ta' Malta"*

Illi hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Grech vs Joseph Cutajar et**[2]

*"Jidher li fil-gurisprudenza nostrana gie ritenut li:*

[2] Rik Nru: 790/07LFS deciza fl-1 ta' Dicembru 2008

*"Il-Qrati taghna ammettew il-validita` tal-klawsola arbitrali, li tista' tigi stipulata anke biex l-obligazzjonijiet ezistenti bejn il- kontraenti tigi sottratta mill-gurisdizzjoni tat-Tribunali"*

*(Ara* ***Joseph Laferla noe vs Salvino Mizzi noe*** *deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1964), kif ukoll fil-kawza* ***Edwin Vella vs Wilfred Mamo noe****, Appell Kummercjali datat 13 ta' Ottubru 1989).*

*"Kif huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, klawsola arbitrali hija valida u dan in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet."*

*Din kienet il-linja li ttiehdet mill-qrati taghna qabel l-emendi ntrodotti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995. Hu issa provvdut fl-Artikolu 742(3) tal-Kap 12 li:*

*"Il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f'liema kaz il-Qorti bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf fil-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u ghas-setgha li ghandha l-Qorti li taghti kull ordni jew direttiva."*

*Dan fil-fatt, gie mfisser u spjegat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Mejju 1998* ***George Camilleri vs Hugh P. Zammit noe****:*

*"il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandati*

*kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi……Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma ntiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika."*

*F'decizjoni ohra,* ***George Xuereb vs Accountant General et*** *datata 28 ta' Frar 1997, il-Qorti tal-Appell diga kienet enuncjat illi:*

*"naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "overiding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni tal-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."*

*Ara wkoll f'dan is-sens il-kawza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 2004, referenza 1246/97PS, fl-ismijiet* ***Joseph Micallef et vs Jovin Rausi noe.****"*

Is-sentenza fl-ismijiet **Malta Shipyards Limited vs VPJ Limited**[3] irriteniet li huwa wkoll relevanti dak li nghad fis-sentenza **Ignatius Gatt et v. Franco Facchetti et**[4]:

*"Fi kliem iehor, iz-zewg partijiet kellhom it-tnejn indaqs l-obbligu kontrattwali, wara li tfacca d-dizgwid serju bejniethom, li jirreferu l-kwistjoni ghad-decizjoni tal-arbitru minghajr dewmien. Huwa principju sagrosant tal-ligi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-buona fidi. Din il-Qorti hi tal-fehma li mhux permess ghall-konvenut li issa jinvokaw l-ezekuzzjoni tal-klawzola arbitrali f'din il-kawza meta wrew passivita` prolungata taghhom, kienu wrew bic-car li ma kellhomx l-intenzjoni li jimxu fit-triq tal-arbitragg. Irrizulta li bl-imsemmija ittra ufficcjali (ara para 7*

[3] App Civ Nru: 1190/2007 deciz fid-9 ta' Novembru, 2012

[4] App Civ Nru: 883/1990/1 deciz fl-10 ta' Ottubru, 2003

*supra), l-attur kien ta r-ragunijiet tieghu ghaliex ma kienx dispost li jissottometti ruhu ghall-arbitragg kondott mill-persuni li jissemmew fil-klawzola arbitrali. Fl-istess ittra huwa kien intima lill-konvenuti biex jirregolaw ruhom. Din il-Qorti hija soddisfatta li, la darba l-konvenuti ma kkontradixxewx lill-attur, u lanqas ma ressqu huma stess il-vertenza bejniethom quddiem l-arbitru imsemmi fil-ftehim, kif kellhom id-dover li jaghmlu, allura wiehed ragonevolment ghandu jasal ghall-konkluzjoni li huma gew li accettaw il-posizzjoni li ha l-attur fil-konfront tal-klawzola arbitrali u konsegwentement irrinunzjaw tacitament ghall-effetti tal-istess klawzola".*

Illi jehtieg issa li dawn il-principji u l-insenjamenti jigu applikati ghall-kaz in ezami.

Illi waqt it-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-Kunsill Lokali spjegat li kienet qeghdha tigi kkontestata l-eccezzjoni fuq tliet ragunijiet:

<u>Fl-ewwel lok</u>, skont il-Kunsill Lokali m'hemmx kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex si tartta ta' danni likwidati mill-Qorti ta' l-Appell u ghalhekk mhiex talba ghall-hlas ibbazata fuq ir-regolament 23 tas-Sejha ghall-offeri u ghalhekk tezorbita mill-gurisdizzjoni tal-arbitragg.

Il-qorti ma taqbilx ma' tali argument. Tirreferi hawnhekk ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza precitata **Paul Tanti et vs Sammy Mifsud et** li "it-tifsira ta' 'ftehim ta' arbitragg' tinkludi kull tilwima li tista' titnissel bejn il-partijiet dwar relazzjoni legali definita kemm jekk din tkun kontrattwali jew le".

Fil-kaz inkwistjoni l-klawsola nvokata tistipula "kwistjoni jew differenza li tohrog mill-kuntratt inkluzi dawk hekk konsidrati minn xi hadd mill-partijiet…." Huwa minnu li l-Kunsill Lokali qieghed jitlob ammont li gie likwidat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha. Biss pero' huwa evidenti li l-istess Kunsill qieghed iressaq it-talba tieghu peress li jsostni li l-klawsola numru 23 ta' l-istess regolamenti tas-sejha ghall-offerti tintitolah li jigi ndennizzat l-ammont kollu nonostante kif gie deciz fl-

istess sentenza. Is-socjeta' intimata ma taqbilx mal-mod ta' kif qeghdha tigi nterpretata tali klawsola. Kwindi evidentement tezisti kwistjoni bejn il-partijiet.

<u>Fit-tieni lok,</u> il-Kunsill Lokali sostna li l-klawsola arbitrali ma tistax tigi nvokata peress li s-socjeta' intimata ma segwitx il-procedura stabbilita a tenur ta' l-artikolu 15(3) tal-Kap 387 u lahqet ukollipprezentat eccezzjonijiet fil-mertu.

Is-socjeta' intimata tikkontendi li t-talba ghall-waqfien ta' dawn il-proceduri ghandha tigi milqugha abbazi ta' dak provdut fl-artikolu 742(3) tal-Kap 12.

Illi dwar din il-kwistjoni gew ikkwotati mill-partijiet zewg sentenzi li huma kunfliggenti u l-qorti se taghmel referenza ghat-tnejn li huma.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Cobra Installations Limited vs Stephen Caruana**[5]

*"Ghalkemm l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk ikun hemm ftehim ta' arbitragg/klawsola arbitrali bejn il-partijiet kontendenti l-qorti ta' kompetenza civili ghandha twaqqaf il-procedimenti stitwiti quddiemha, il-Qorti hi tal-fehma li fl-applikazzjoni ta' dan il-provvediment tal-Ligi ma tistax tinjora dak dispost fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dwar il-procedura li ghandha tigi segwita minn dik il-parti fi proceduri civili li appuntu trid titlob il-waqfien ta' dawk il-proceduri minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg. Tant id-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz ghalhekk l-Artikolu 15(3), ma jistghux jigu njorati fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li f'dak l-istess artikolu tal-Ligi hemm dispost li l-Qorti ghandha tagixxi bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg.*

[5] Avviz Nru: 139/2011 deciza fl-10 ta' Jannar, 2012

*L-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fil-fethim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew l-imhallef taghha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu il-procedimenti[6]. Rikors jista' jsir minkejja l-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-arbitragg biss wara li jigu ezawriti proceduri ohra ta' rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet.*

*Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li t-talba ghall-waqfien ta' proceduri stitwiti quddiem qorti ta' kompetenza civili minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet kontendenti, ghandha ssir lill-Qorti permezz ta'* ***Rikors qabel*** *ma dik il-parti* ***tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti.*** *Tant il-Legislatur ried li l-parti li titlob il-waqfien tal-proceduri civili tressaq it-talba taghha quddiem il-Qorti qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew b'mod iehor tmexxi fil-procedimenti, li s-subartikolu 8 ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta – introdott bis-sahha ta' l-Att XXXI ta' l-2002 – jipprovdi li mal-prezentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-procedimenti skond is-subartikolu (3), kull limitu ta' zmien ghall-prezentata ta' kull risposta ta' l-intimat jew twegiba ohra, kemm jekk titnissel mil-ligi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal, jew xort'ohra, ghandu jigi interrott u ghandu jerga' jibda jsehh mid-data li fiha r-rikorrent jigi notifikat bid-decizjoni tal-Qorti li tichad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din id-decizjoni[7].*

---

[6] Sottolinear tal-Qorti.

[7] Sottolinear tal-Qorti

*Fil-kaz in ezami l-konvenut kjarament ma segwiex il-procedura stabbilita fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta izda, kuntrarjament ghal dak dispost fl-imsemmi artikolu tal-Ligi, una volta notifikat bir-Rikors promotur fis-7 ta' Mejju 2011, ipproceda billi ressaq l-eccezzjonijiet tieghu – inkluza eccezzjoni fil-mertu – ghat-talbiet attrici b'Risposta pprezentata fl-1 ta' Lulju 2011. It-talba ghall-waqfien tal-proceduri odjerni minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejnu u s-socjetà attrici – ossia l-Klawsola 18 tal-kuntratt ta' appalt – ma gietx imressqa mill-konvenut permezz ta' Rikors izda fil-forma ta' eccezzjoni preliminari fir-Risposta tieghu.*

*Fid-dawl ta' dak kjarament dispost fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, u ulterjorment ikkonfermat fis-subartikolu (8) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tal-konvenut ghall-waqfien tal-proceduri odjerni minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejnu u s-socjetà attrici, kif minnu promossa hija proceduralment inammissibbli u ghaldaqstant ma tistax tigi milqugha.*

*Din il-konkluzzjoni tal-Qorti ssib konferma fil-principju enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Bonello pro et noe v. John Bonello**, **Citaz. Nru. 2657/99** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003: trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens (Vol. XVIII pI p879, Vol. XLIX pI p421). Din mhiex kwistjoni ta' legalizmu jew formalizmu zejjed. Hi invece kwestjoni ta' applikabilità o meno ta' norma procedurali specjali. Il-Qorti temmen, bhall-qrati ohra qabilha illi "waqt li formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat m'ghandux lanqas però jidhol jew jigi nkoraggit permessivizmu ingustifikat" (Vol. XXXII pI p712, "Francis T. Gera noe v. Ed. Camilleri et" Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973). Sa recentement gie rimarkat illi l-Qrati jridu japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom l-*

*ebda diskrezzjoni la li jaddotawhom b'mod approssimattiv skond li jidhrilhom li hu gust u ekwu fic-cirkostanzi u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li l-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu mprovvizati f'dawk ic-cirkostanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati u emaskulati proceduri ohra espressament provduti bil-ligi. (Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" Appell, 6 ta' Ottubru 2000).*
*Ghalkemm fil-kaz in ezami si tratta ta' disposizzjoni proceduralì naxxenti mil-Ligi specjali li tirregola l-Arbitragg u mhux mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn il-principju guridiku appena citat ma ghandux japplika wkoll ghall-kaz in ezami. In effetti proprio ghaliex si tratta ta' norma procedurali specjali huwa imperattiv li l-istess tigi applikata u nterpretata alla lettera u mhux per equipollens".*

Illi imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Zamsul Contractors Ltd vs Pharmacare Premium Limited**[8] fejn kien qieghed jigi trattat l-istess punt, il-qorti rriteniet li :

*"il-fatt li l-konvenut ma ghamilx ir-rikors ma jippregudikax id-dritt tieghu. L-eccezzjonijiet jinghataw permezz ta' twegiba guramentata. Madankollu taht l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 il-konvenut ghandu l-opportunita' li qabel jipprezenta t-twegiba guramentata, jipprezenta rikors biex il-qorti tissoprasjedi minhabba l-klawzola arbitrali. Ir-rikors m'huwiex mandatorju, tant li l-ligi tghid li l-parti fil-procediment "....**tista'** f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procediment,.....". Il-kelma **"tista"** taghti lil din il-qorti x'tifhem li hi fid-diskrezzjoni tal-parti li trid tinvoka l-ftehim arbitrali, li tipprezenta rikors u titlob is-soprasessjoni. Jidher li l-ghan wara dan il-provvediment hu sabiex min ikun irid jinvoka l-ftehim arbitrali, f'dak l-istadju jkollu l-fakolta li ma joqghodx jipprezenta twegiba guramentata u*
*jidhol fi spejjez zejda. Dan iktar u iktar meta tqies li klawzola arbitrali ma teskludix il-gurisdizzjoni tal-qorti, izda taghti biss lok biex il-qorti twaqqaf il-procediment (Artikolu*

[8] Rik Nru: 1187/2011AE deciza fl-14 ta' Gunju 2012

*742[3] tal-Kap. 12). Minn qari tal-Artikolu 15 il-qorti ma tistax tikkonkludi li n-nuqqas li jigi prezentat rikors ifisser telfien ghad-dritt tal-konvenut li jinvoka klawzola arbitrali fit-twegiba guramentata, jew li qieghed jirrinunzja ghall-arbitragg. Klawzola arbitrali hi parti mill-ftehim bejn il-partijiet, liema ftehim ghandu l-forza tal-ligi. Bhal rikors, it-twegiba guramentata hi wkoll att gudizzjarju. M'ghandux ikun li persuna li trid tinvoka klawzola arbitrali u ghalhekk trid li jigi onorat l-ftehim, tigi pregudikata ghaliex minflok ghamlet rikors u talbet is-soprasessjoni, ipprezentat twegiba guramentata fejn invokat il-klawzola arbitrali u li ghandha twassal biex il-qorti tordna l-waqfien tal-proceduri quddiemha. Fil-fehma tal-qorti l-ispirtu tal-ligi m'huwiex li wiehed joqghod jintilef formalizmu bla bzonn, u l-ligi qeghda biss toffri alternattiva inqas ghalja."*

Din il-Qorti taqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija fis-sentenza precitata fl-ismijiet **Cobra Installations Limited vs Stephen Caruana.** Dan ghaliex meta l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li kull parti f'dawk il-procedimenti legali 'tista'' tressaq rikors sabiex titlob lill-qorti biex twaqqaf il-procedimenti biex il-kwistjoni tigi riferita ghall-arbitragg, fil-fehma tal-qorti din ghandha tinftiehem li parti ghandu dejjem id-diskrezzjoni li jipprezenta tali rikors. Kif inhu maghruf bi klawsola arbitrali l-gurisdizzjoni tal-qorti mhix eskluza w allura parti hija dejjem libera li tiddeciedi li tissottometti ruhha ghall-gurisdizzjoni tal-qorti nonostante l-klawsola arbitrali. Infatti l-ligi tkompli tghid li tali rikors, meta jitressaq, ghandu jsir jew qabel ma' dik il-parti tressaq xi eccezzjoni jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti. Dan kollu ghandu jigi abbinat ma' dak senjalat mill-istess qorti fis-sentenza **Cobra Installations Limited vs Stephen Caruana** rigward il-fatt li mal-prezentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-procedimenti kull limitu ta' zmien ghall-prezentata ta' kull risposta ta' l-intimat jew twegiba ohra, kemm jekk jitnissel mil-ligi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal, jew xort'ohra, ghandu jigi nterrott u ghandu jerga' jibda jsehh mid-data li fiha r-rikors jigi notifikat bid-decizjoni tal-qorti li tichad ir-rikors.

Hawnhekk trid ukoll issir referenza ghal dak deciz mill-ewwel Qorti fil-kawza **Paul Tanti pro et noe et vs Sammy Mifsud et pro et noe**[9]

*"Illi, min-naha l-ohra, l-Att II tal-1996 jistabilixxi li, minkejja kulma jinghad fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, jekk parti fi ftehim ta' arbitragg tkun inbdiet kontriha minn parti ohra f'dak il-ftehim xi procedura quddiem Qorti, dik il-persuna tista' titlob li l-Qorti twaqqaf il-procedimenti. Skond dik id-dispozizzjoni, madankollu, jridu jsehhu certi kondizzjonijiet qabel mal-Qorti twaqqaf il-procedimenti quddiemha: l-ewwelnett, (a) it-talba trid issir mill-parti qabel ma tressaq xi eccezzjoni jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, (b) trid issir talba ghat-twaqqif, (c) il-Qorti trid tkun soddisfatta li l-ftehim tal-arbitragg ghadu fis-sehh jew jista' jitwettaq, u (d) li l-kwestjoni li dwarha jintalab li tghaddi ghall-arbitragg tkun fil-fatt wahda li ghalih il-ftehim tal-arbitragg kien mahsub. Jekk jikkonkorru dawn l-elementi, il-Qorti ghandha twaqqaf dawk il-procedimenti"*

Imbaghad ikkonkludiet hekk:

*"Illi, madankollu, fil-kaz prezenti wkoll il-Qorti tifhem li ma gewx imharsa l-kundizzjonijiet li fihom hija ghandha tikkonsidra li twaqqaf il-proceduri pendenti quddiemha u dan ghal numru ta' ragunijiet. Fl-ewwel lok, ghaliex l-imharrkin ma talbux it-twaqqif tal-procedimenti minn din il-Qorti qabel ma ressqu l-eccezzjonijiet, imma sahansitra fl-eccezzjonijiet infushom. Minbarra dan, huma ma talbux it-twaqqif tal-procedimenti f'din il-kawza fis-sens li tghid il-ligi, imma li jigi dikjarat li din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha li tisma' l-kawza".*

Illi fil-kawza inkwistjoni, il-Kunsill attur ipproceda b'kawza hekk komunement maghrufa bi procedura ta' giljottina. Is-socjeta' intimata prezentat rikors (ghalkemm il-ligi tippermetti nota) qabel is-smiegh li permezz tieghu talbet il-fakulta' li tinghata d-dritt li tipprezenta risposta guramentata. F'dan l-att l-ebda klawsola arbitrali ma

[9] Rik Nru: 2283/2000 deciza in parte fl-4 ta' April 2002 u finalment fis-27 ta' April 2007; konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Settembru 2009

tissemma. Fil-gurnata ta’ l-ewwel dehra s-socjeta’ intimata nvokat tali klawsola. Wara li nghatat id-dritt li tipprezenta risposta guramentata l-istess socjeta’ ipprezentat ir-risposta guramentata taghha u fl-ewwel eccezzjoni taghha ssollevat din l-eccezzjoni. Madankollu s-socjeta’ intimate ma pprezentat l-ebda rikors a tenur ta’ l-artikolu 15(3) u ghalhekk l-eccezzjoni minnha proposta hija impropnibbli.

<u>Fit-tielet lok</u>, il-Kunsill Lokali argumenta li s-socjeta’ intimata rrinunzjat ghall-klawsola arbitrali. Il-qorti tasal ukoll taqbel ma’ tali sottomissjoni. Is-sentenza definittiva nghatat fis-26 ta’ Gunju 2009. Fid-29 ta’ Gunju 2009 inhareg mandat ta’ sekwestru ezekuttiv fil-konfront ta’ Gatt Asphalting Limited u l-Kunsill Lokali Victoria. Permezz tad-digriet tat-13 ta’ Novembru 2009, il-Qorti awtorizzat lill-konjugi Grech jizbankaw il-flus depozitati b’cedola mill-kont tal-Kunsill Lokali. Oltre’ dan il-Kunsill Lokali hallas ukoll nofs l-ispejjez tal-kawza u d-drittijiet tal-legali taghha. Sussegwentement, il-Kunsill Lokali nterpella lil Gatt Asphalting Limited sabiex tindennizzah a tenur ta’ l-artikolu 23 tar-Regolamenti tas-sejha ghall-offerti. Mhux kontestat li tali ittra ntbaghtet ghalkemm ma gietx ezebita fl-atti.

Illi kif gie deciz f’diversi sentenzi l-obbligu li wiehed jirrikorri ghall-procedura ta’ arbitragg meta jinqala’ disgwid qieghed fuq iz-zewg partijiet. Fil-klawsola arbitrali odjerna ghadu japplika wkoll dan il-principju.

Illi mill-agir tas-socjeta’ intimata l-qorti li hija tal-fehma li s-socjeta’ intimata qatt ma kellha intenzjoni li tipprocedi skont l-istess klawsola. Kienet taf li hemm dizgwid bejn il-partijiet li kien ilu ghal diversi snin izda baqghet passiva u issa qeghdha tuza l-istess sabiex tistultifika l-azzjoni attrici.

Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ intimata, bl-ispejjez kontra taghha.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------